# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2282

**Kaz Numru 3076/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Raycine Cassar (ID 135586M)**

**u**

**Accreda Limited (C 38565)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 2 t'April, 2014**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Raycine Cassar fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-23 t'Ottubru, 2012, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha kienet wahda ngusta. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li l-impjieg tal-Appellanti kien gie terminat ghal raguni valida.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tnax-il seduta fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat u evalwa d-dokumenti kollha kif prezentati, kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Raycine Cassar li minn issa ‘l quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta’ Dr. Joanne Vella Cuschieri.

Accreda Limited li minn issa ‘l quddiem ser tissejjah is-Socjeta’ ntimata kienet irraprezentata minn Romina Abdilla assistita minn Dr. Charlotte Camilleri.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

Nhar it-23 ta’ Lulju, 2012, l-Appellanti nghatat *written warning,* minhabba attitudni negattiva b’mod partikolkari lejn il-*line manager* taghha u minhabba li meta ngibditilha l-attenzjoni sabiex tosserva l-kodici dwar l-ilbies hija wriet attitudni ta’ ‘x’jimpurtani’. Hija giet imwiddba li f’dan ir-rigward din kienet twissija ahharija u repetizzjoni ta’ tali ncidenti jkunu jfissru tmiem tal-impieg.

Nhar is-17 ta’ Settembru, 2012, l-Appellanti nghatat ittra, fejn giet mgharrfa li kagun ta’ *gross non-performance*, l-impieg taghha kien qed jigi terminat b’mod immedjat.

L-Appellanti kienet ilha tahdem mas-Socjeta’ ntimata fuq bazi *full-time* sa mill-20 ta’ Dicembru, 2010, fil-grad ta’ *Graphic Designer*.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Raycine Cassar,** l-Appellanti, bdiet ix-xhieda taghha billli qalet li dwar l-ingagg fix-xoghol taghha mas-socjeta’ ntmata hija kienet giet intervistata darbtejn, fejn wara li bdiet tahdem bhala *graphic designer,* kienet inghatat kuntratt tax-xoghol. Qalet li fil-bidu kienet tahdem gewwa Melita Street pero’ wara ftit giet diretta sabiex tahdem mill-ufficini ta’ Chetcuti Cauchi, fejn bhala *supervisor* ta’ fuqha kellha lil Daniel Camilleri, u *manager* kien hemm Anna Portelli Norris.

Spjegat li bhala xoghol kienu jsiru *adverts* u xoghol iehor varju. Mat-tluq taghhom it-tnejn minn mall-kumpanija, ix-xhud qalet li ghamlet zmien tahdem wahedha u tirraporta dirett lil Priscilla li kienet *manager* ma' Chetcuti Cauchi.
Ix-xhud kompliet li xi xahrejn wara dahal jahdem Justin Mifsud bhala *Marketing Manager* minflok Anna Portelli Norris. Kompliet tispjega kif is-sistema ta' *job logging* kienet problema sa mill-bidu tal-impjieg taghha, peress li ma kienux issettjawlha xi tip ta' *account*, fejn minflok kienet taghmel il-*logging* fuq *excel sheet* li kienet tghaddiha lil Anna u lil Priscilla.
Spjegat kif ir-relazzjonijiet ta' xoghol mal-*manager* Justin kienu differenti minn kif kienu ma' Anna. Qalet li maghha kienet *close* u kien hemm hafna komunikazzjoni fil-waqt li ma' Justin ma kienx hemm u ftit zmien wara r-relazzjoni bdiet tiddetterjora, fejn xi drabi kien anke jghajjat maghha. Qalet li mall-*manager* Anna kienet spiss titkellem fuq xoghol pero' Justin kien jikkomunika maghha biss bl-*E-messenger*. Spjegat li kemm damet *manager* taghha Anna hija qatt ma nghatat *warning*.
Dwar ilmenti ta' kif kienet tilbes waqt ix-xoghol, ix-xhud stqarret li hija qatt ma uzat ilbiesi skullati jew dbielet qosra. Hlief li darba libset *bermuda shorts* ghaliex kienet ghamlet operazzjoni zghira u ma setghetx tilbes dublett. Pero' dwar dan talbet skuza.
L-Appellanti kompliet ix-xhieda taghha billi spjegat kif f'gurnata normali tax-xoghol u cjoe bejn it-08.30 u l-17.30, jittiehed *unpaid break* ta' siegha. Fejn, waqt tali *break* normalment kienet tohrog minn fuq il-post tax-xoghol bhalma kienu jaghmlu l-maggoranza tal-impjegati u f'xi drabi meta jkun hemm certa *workload* ma kienetx tohrog. Kompliet li gieli hadmet sieghat wara l-hin normali u ta' dan ma kienetx tithallas.
Spjegat kif sa qabel is-sajf li ghadda, qatt ma kellha problemi fuq ix-xoghol u r-relazzjoni taghha maz-zewg *managers* precedenti kienet wahda tajba. Il-problemi bdew meta gie ngaggat Justin Mifsud bhala l-*manager* taghha.
Dwar il-*warning* tat-23 ta' Lulju, 2012, l-Apellanti qalet li minkejja li l-attitudni negattiva min-naha tal-*manager* ippersistiet, hija ppruvat tissaporti.
Dwar *gross non-performance* li effetivament wasslet ghat-tmiem tal-impieg taghha, ix-xhud qalet illi x-xoghol li kienet taghmel kien jigi vvettjat mill-*manager* taghha u qatt ma ngibditilha l-attenzjoni dwar xi xoghol hazin. Ix-xhud stqarret li anke qabel gie terminat l-impieg taghha, ma saret l-ebda laqgha fejn giet diskussa l-*performance* taghha.

Dwar x’gara ezattament nhar is-17 ta’ Settembru, 2012, ix-xhud qalet li dakinhar dahlet ghax-xoghol bhas-soltu ghal habta tat-08.30, fejn innutat li la Justin Mifsud u l-anqas Konrad Abela ma bdew ikellmuha. Ghall-habta tal-16.45 irceviet telefonata minghand Romina Abdillla sabiex tmur fl-ufficcju tas-Sur Chetcuti Cauchi ghaliex riedu jkellmuha. Meta waslet fl-ufficcju, Romina ghadditilha l-ittra tat-terminazzjoni.
Ix-xhud stqarret li xi xahar qabel tkecciet, kienet inghatat struzzjonijiet sabiex turi kif isir xi xoghol lill-impjegata gdida li kien jisimha Raisa.
Mistoqsija mit-Tribunal dwar il-fatt li fl-ittra tat-terminazzjoni iffirmata minn Konrad Abela, hemm referenza ghall-*meeting* li kien sar propju dakinhar, ix-xhud stqarret li ma kien sar l-ebda *meeting.*
Ix-xhud insistiet li kien biss fil-*warning* ta’ qabel it-tkeccija li kienet giet imwissija li jekk il-*performance* ma tirrangax seta’ jintemm l-impjieg.

**Romina Abdilla** xehdet li hija tokkupa l-kariga ta’ *HR Manager* mall-kumpanija Chetcuti Cauchi, li min-naha taghha taghti servizzi ta’ *HR* lis-Socjeta’ ntimata. Hja qalet li r-relazzjoni taghha mall-Appellanti hija wahda normali bhalma tkun ma’ mpjegati ohra, pero’ fuq bazi professjonali kien ikun hemm bosta divergenzi. Hija spjegat li sa mill-bidu tal-impieg taghha kien hemm l-*issue* tad-*dress code,* fejn l-ilbies taghha ma kienx ikun konformi mall-*SOP* li jittratta dan is-suggett. Dwar dan l-Appellanti nghatat *written warning* wara li l-attenzjoni taghha giet attirata diversi drabi. Hija stqarret li kien hemm anke problemi dwar zamma ta’ hinijiet fl-ufficcju fejn gieli l-*management* gibdilha l-attenzjoni pero’ dwar dan qatt ma sar xi tnaqqis fis-salarju u ma kien hemm xejn *recorded* bil-miktub. Filwaqt li spjegat il-procedura ta’ kif jigi bbukkjat il-*leave,* x-xhud qalet li kienu diversi d-drabi fejn l-Appellanti ma kienetx timxi mall-proceduri, fejn allura kienu jinqalghu hafna argumenti.
Ix-xhud tat rendikont estensiv dwar l-*issue* tal-*job logging* li hija sistema li permezz taghha l-klijenti jigu bbiljati tax-xoghol li kien ikun sar ghalihom, kif ukoll ikun jista’ jigi mkejjel il-hin li jkun ghamel l-impjegat fuq kull bicca xoghol. Kompliet tispjega li minkejja li l-Appellanti kienet inghatat t-tahrig dovut, kien biss mill-15 ta’ Gunju, 2012 sal-14 ta’ Settembru, 2012, li hija kienet qabdet ghamlet tali *logging*.
Ix-xhud stqarret li meta gie *monitored* tali *logging,* instabu xejn anqas minn 256 u nofs sieghat tax-xoghol ‘*not accounted for*’ li meta jigu maqluba fi granet ta’ xoghol jammontaw ghal 32 gurnata.

Hija qalet li din kienet wahda mill-affarijiet ghalfejn gie terminat l-impieg tal-Appellanti. Dwar il-*performance* tax-xoghol tal-Appellanti, x-xhud tat rendikont ta' kaz fejn kien sar xoghol hazin fuq *brochure* tal-HR.
Ix-xhud qalet li hija kellha laqgha ta' madwar siegha mall-Appellanti dakinhar li kien gie mitmum l-impieg taghha, fejn spjegatilha r-ragunijiet ghalxiex kien sejjer jintemm l-impieg taghha. Ix-xhud qalet li d-decizjoni li jigi mitmum l-impieg kienet wahda li ttiehdet minnha, mid-Direttur tal-kumpanija u mill-*manager* tal-Appellanti.
Mistoqsija jekk kienux saru konsiderazzjonijiet ohra minflok li jigi mitmum l-impieg, ix-xhud stqarret li gew evalwati *options* ohra pero' inhass li minkejja li l-kumpanija investit flus fuq l-Appellanti r-rizultati kienu tali li s-sitwazzjoni ma setghetx tkompli sejra hekk.
Mistoqsija mit-Tribunal jekk id-decizjoni li l-impieg tal-Appellanti kienetx diga ttiehdet qabel hija ltaqghet maghha, x-xhud ikkonfermat li tali decizjoni kienet diga ittiehdet qabel ma' saret il-laqgha bejna u l-Appellanti.
Fuq mistoqsija ohra mit-Tribunal jekk tezistix evidenza dokumentata li turi li fiz-zmien ta'bejn wara li spiccat il-*probation* u zmien li gie ngaggat Justin Mifsud bhala *manager*, kienx ukoll sar xoghol hazin 'da parti' tal-Appellanti, x-xhud wiegbet li jezistu anke jekk mhux kazijiet spissi. Ix-xhud hawnhekk esebiet tali dokumenti li kienu jirreferixxu ghaz-zmien li l-*Manager* kienet Anna Portelli Norris.

**Justin Mifsud** xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' *Marketing Manager* mas-Socjeta' ntimata. Huwa ta' deskrizzjoni ta' dawk li huwa rrefera bhala problemi ta' xoghol li huwa kellu mall-Appellanti li kienu jvarjaw minn attitudni negativa, nuqqas ta' aderenza lejn proceduri u struzzjonijiet u kwalita baxxa fil-livell tax-xoghol. Ix-xhud irrefera ghall-*written warning* li kien inhareg lill-Appellanti dwar ilbies mhux addattat ghax-xoghol. Irrefera wkoll ghall-illargar taghha apparti s-siegha *break* minn fuq il-lant tax-xoghol. Ix-xhud spjega argumenti li kien ikollu mall-Appellanti dwar it-tehid tal-*leave* mhux ippjanat. Ix-xhud ghadda sabiex ta' spjegazzjoni tal-*job logging* u kif din ghandha relazzjoni diretta mall-kontabbilita lavorattiva tal-impjegat. F'dan il-mument ix-xhud stqarr li l-Appellanti kienet rezistenti hafna sabiex taderixxi ruhha ma' dan il-process.
Ix-xhud spjega f'certu dettall ix-xoghol li kienet taghmel l-Appellanti bhala *Graphic Designer*, fejn huwa ta' diversi ezempji ta' xoghol mhux ta' kwalita tajba maghmul mill-Appellanti, u xoghol iehor li damet hafna sabiex tlestieh. Dawn l-ezempji kienu jkopru perjodu ta' madwar 5 xhur.

Fuq mistoqsija tat-Tribunal, ix-xhud qal li dawn l-izbalji jirreferu ghaz-zmien li huwa kien impjegat flimkien mall-Appellanti u cjoe ghal bejn April u Settembru 2012 ghaliex qabel kien ghadu ma kienx impjegat mas-Socjeta' ntimata. Pero' x-xhud qal li kienu gew imqajjma *issues* simili anke mill-Manager ta' qablu.
Ix-xhud kompla li r-relazzjonijiet deskritti bhala mhux tajbin mill-Appellanti jirreferu ghall-fatt li kien isib hafna zbalji fix-xoghol tal-Appellanti. Fejn hawn iddeskriva lilu innifsu bhala perfezzjonista f'xoghlu peress li huwa *Marketing Manager* ikkwalifikat u jifhem fid-*design*.
Ix-xhud qal li minkejja li ghal diversi drabi ngibdet l-attenzjoni tal-Appellanti ghal xoghol mhux ta' kwalita tajba li *standard* mhux talli ma trangax talli mar lura.
Meta mistoqsi mit-Tribunal x'sehem kellu fit-tkeccija mix-xoghol tal-Appellanti, x-xhud wiegeb illi huwa kien jirraporta l-kwalita tax-xoghol li kienet taghmel l-Appellanti lil Konrad Abela fejn min-naha tieghu, bhala Direttur tal-Kumpanija, ha d-decizjoni li hija titkecca mix-xoghol.
Fir-rigward ta' mpjegata ohra bl-isem ta' Raisa, x-xhud qal li kien jafha qabel qabdet tahdem mas-Socjeta' ntimata u qal li hija qabdet tahdem hemmhekk qabel gie mitmum l-impieg tal-Appellanti. Huwa qal li hija taghmel xoghol ta' *marketing* u *design*.
Meta mistoqsi dwar l-akkuza li hija ma kienetx tilbes ilbies addattat ghall-ambjent tax-xoghol, ix-xhud qal li l-problema ma kienetx ghax jidhru t-*tattoos*, izda peress li dawn kienu fin-naha t'isfel ta' dahra, galadarba dawn it-*tattoos* kienu jidhru, fisser li l-lbies ma kienx ikun addattat ghall-post tax-xoghol.
Meta mistoqsi dwar fejn jahdmu ezatt, ix-xhud spjega li huwa u l-Appellanti jahdmu f'kamra kbira ma' xi ghaxar impjegati ohra f'forma ta' '*open plan*'.
Dwar tahrig fuq *job logging*, ix-xhud stqarr li l-Appellanti kienet inghatat tahrig waqt li hu kien diga fl-impjieg.
Ix-xhud spjega li minkejja illi fil-kuntartt tax-xoghol, l-Appellanti kienet tidher bhala *Graphic Designer*, fil-verita' hija kienet tinghata xoghol ta' *Junior Graphic Designer*.

**Konrad Abela** xehed li huwa d-Direttur tas-Socjeta' ntimata. Huwa spjega li l-*performance* tal-Appellanti sa mill-bidu tal-impieg taghha kienet tindika certu nuqqasijiet, pero' fil-waqt li qal li dan kien anke identifikat waqt il-*probation* stqarr li huma xtaqu jaghtuha cans ghaliex raw ceru potenzjal. Aktar tard ix-xhud ipprezenta '*assessment report*' li kien gie kompilat ezatt qabel ghadda il-'*probation period*'. Rapport li 'in seguito' tieghu l-Appellanti giet ikkonfermata fl-impjieg.

Ix-xhud spjega kif certu nuqqasijiet fl-operat tal-Appellanti sar jafhom minghand *Managers* u anke ghaliex kellu *first hand experience* dwar xoghol fuq il-*website* tal-kumpanija. Huwa spjega li gieli kellem lill-Appellanti dwar dawn in-nuqqasijiet. Irrefera ghall-*warning* mahrug fit-23 ta' Lulju, 2012, fejn wara kien iltaqgha maghha u taha pariri sabiex toqghod aktar attenta f'xoghola.
Ix-xhud stqarr li kien huwa li ha d-decizjoni li jintemm l-impjieg tal-Appellanti u dan wara konsultazzjoni mal-*Managers.*
Meta mistoqsi mit-Tribunal, jekk kienetx inhasset il-htiega li ssir laqgha mall-Appellanti qabel ittiehdet id-decizjoni li jintemm l-impjieg , ix-xhud wiegeb li tali htiega ma nhassietx ghaliex kienu diga' ltqaghu wara li kien hareg il-*warning* ta' Lulju 2012. Dwar jekk li minflok jintemm l-impjieg kienetx ikkunsidrata xi mizura dixxiplinarja ohra, x-xhud wiegeb li dik kienet id-decizjoni li nhass li kienet xierqa fic-circostanzi. Ix-xhud ikkonferma li xi gimghat qabel intemm l-impjieg tal-Appellanti hija tnaqqsilha x-xoghol ta' *design* u bdiet tigi mitluba taghmel xoghol relatat ma' *translations*, fejn anke hemmhekk gew identifikati xi zbalji.

**Dr. Jean Philippe Chetcuti** xehed li huwa Direttur ta' Chetcuti Cauchi Advocates, u li huma juzaw is-servizzi tas-Socjeta' ntimata ghal xoghol ta' *design* fuq *brouchers*, *newsletters* u reklami. Spjega li peress li l-Appellanti kienet allokata fuq l-*account* taghhom fil-bidu hija kienet tahdem fizikament fil-*premises* taghhom, fejn kien ikollu relazzjoni diretta maghha fir-rigward ta' xoghol. Hawnhekk ix-xhud ta' dettalji ta' x'wassal sabiex l-Appellanti ticcaqlaq u tibda tahdem mill-*premises* tas-Socjeta' ntimata, fejn spjega li dan kien kagun tal-fatt li l-Appellanti ma kienetx tilbes b'mod addattat ghall-ufficcju.
Wara x-xhud ghadda sabiex ta' rakkont dettaljat ta' nuqqasijiet ripetuti fl-operat tal-Appellanti fir-rigward ta' kwalita ta' xoghol, u anke tad-diversi drabi li huwa kien jigdilha l-attenzjoni dwar xoghol maghmul hazin u dan kien jaghmlu fil-prezenza tal-*Manager* taghha u rapprezentant tas-Socjeta' ntimata. Ix-xhud ghadda biex ipprezenta dokumenti li jissostanzjaw dak li xehed u sostna li kienu wasslu l-messagg lis-Socjeta' ntimata li jekk is-sitwazzjoni kienet ser tippersisti u mhux ser jaghtuhom *designer* iehor huma kienu jew ser ifittxu '*service provider*' iehor inkella jikkunsidraw li s-servizzi jaghmluhom '*in house*'. Stqarr li dan il-messagg/ultimatum kien sar verbalment.

Ix-xhud qal li meta huma gew mitluba sabiex jaghtu l-opinjoni taghhom dwar l-Appellanti meta hija kienet ghadha f'nofs il-*probation period*, huma kienu wasslu l-messagg li l-affarijiet ma kienux kif suppost, fi tmiem il-*probation*, il-*feedback* taghhom kien li kuntenti ma kienux.
Ix-xhud spjega r-relazzjoni kummercjali li tezisti bejn il-kumpanija Claris Capital Ltd li taghha huwa s-sid u s-Socjeta' ntimata. Huwa temm ix-xhieda tieghu billi stqarr li l-ittra tat-temm tal-impjieg tal-Appellanti giet mghoddija lilha minn Romina Abdilla fil-kapacita taghha ta' *HR* ta' Chetcuti Cauchi.

**Anna Portelli Norris** xehdet li hija kienet tahdem mall-kumpanija Chetcuti Cauchi bhala *Marketing Manager* u minhabba r-relazzjoni li tezisti bejn is-Socjeta' ntimata u l-kumpanija Chetcuti Cauchi hija kienet taf lill-Appellanti u dan ghal madwar sena. Stqarret li hija kienet involuta fl-i*nterview* meta giet ingaggata l-Appellanti. Qalet li hi u l-HR gieli gibdu l-attenzjoni tal-Appellanti meta kienet tilbes xi dublett qasir. Qalet li l-Appellanti lilha kienet tirrispettaha u li x-xoghol li kienu jghatuha kienet taghmlu u bhala livell il-kwalita kienet tkun *average*. Qalet li meta ghadda il-*probation period* tal-Appellanti, hija, l-HR u l-*partners* kienu involuti fid-decizjoni jekk tinzammx tahdem jew le fejn eventwalment kien gie deciz li hija tkompli tahdem. Qalet li hija tiftakar li meta kienet iddahlet is-sistema ta' *logging* kien hemm xi problemi inizjali.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Joanne Vella Cuschieri** ghan-nom tal-Appellanti bdiet billi qalet li kemm matul iz-zmien tal-*probation* u anke wara ma kienx hemm problemi fir-rigward tal-*performance* tal-Appellanti ghajr ghal xi attirar tal-attenzjoni u dan waqt *meetings* ta' rutina u e-mails li kienu juru kif kien mixtieq li jsir certu xoghol. Il-problemi bdew sahqet Dr.Vella Cuschieri meta kien hemm bdil fil-*Manager*, fejn dehret li kien hemm nuqqas ta' kompatibilita, mhux pero' min-naha tal-Appellanti.
Dr. Vella Cuschieri qalet li l-Appellanti kienet giet iffaccjata b'fatt komplut meta sejhulha sabiex ituha l-ittra tat-terminazzzjoni. Il-fatt illi qabel dan l-episodju, l-Appellanti kienet giet mitluba taghti *hand over* ta' xogholha lill-persuna li kienet giet impjegata ftit taz-zmien qabel, kienet indikazzjoni cara tal-hsieb li kellha l-kumpanija dwar l-Appellanti u cjoe li jigi mitmum l-impjieg taghha sahqet Dr. Vella Cuschieri.
L-Avukat temmet it-trattazzjoni billi qalet li dan kien kaz ta' inkompattibilita tal-karattri bejn l-Appellanti u l-*Manager* gdid taghha u li din ma kienetx raguni sufficjenti sabiex ikun mitmum l-impjieg taghha.

**Dr.Charlotte Camilleri** bdiet billi rreferiet ghax-xhieda tal-Appellanti fejn iddeskriviet bhala inkonsistenti certi stqarrijiet li hija ghamlet. Dr. Camilleri qalet li l-Appellanti giet imwissija diversi drabi verbalment u darba bil-miktub dwar nuqqasijiet varji, li kienu kemm dwar l-ilbies taghha, dwar il-*behaviour* u anke dwar il-*performance.*
Dr. Camilleri sahqet li wiehed ma setax jipparaguna l-*performance* tal-Appellanti fir-rigward taz-zewg *Managers*, dan ghaliex filwaqt li ma' ta' l-ewwel hija kienet ghadha fil-bidu tal-impjieg taghha filwaqt illi l-*performance* taghha fi zmien it-tieni *Manager* kienet ilha mpjegata sena u 4 xhur. Dan anke minhabba l-fatt li filwaqt li t-tieni *Manager* kien specjalizzat fix-xoghol ta' *design*, u cjoe ix-xoghol propju tal-appellanti l-ewwel *Manager* ma kienetx *designer*. Fejn allura seta' jassessja xogholha b'aktar professjonalita. Dwar l-ingagg ta' persuna ohra Dr. Camilleri qalet li hija tahdem bhala *part-timer*.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal Industrjali jinnota li:

- Filwaqt illi ntqal li diversi drabi ngibdet l-attenzjoni tal-Appellanti dwar xi nuqqasijiet, l-ewwel twissija bil-miktub li l-Appellanti qatt inghatat matul l-impjieg taghha, kienet nhar it-23 ta' Lulju, 2012, u cjoe ftit wara li Justin Mifsud gie ngaggat bhala *Marketing Manager* minflok Anna Portelli Norris.

- Din it-twissija saret tlett gimghat biss wara li giet impjegata Raisa Tabone. Persuna li l-Appellanti kienet giet mitluba taghtija *hand-over* ta' parti minn xoghola. U seba' gimghat qabel ma' l-impjieg tal-Appellanti gie mitmum.

- Filwaqt li fl-ittra tat-terminazzjoni datata 17 ta' Settembru, 2012, u li nghatat lill-Appellanti dakinhar stess wara nofsinhar, hemm indikat li tali decizjoni ttiehdet wara li kienet saret laqgha bejn l-Appellanti u d-Direttur Konrad Abela, l-Appellanti qalet li tali laqgha qatt ma saret u l-istess Direttur xehed li ma hassx li kellu jiltaqa' maghha qabel tkecciet ghaliex kien diga' ltaqgha maghha meta nhargilha l-*warning* ta' Lulju.

- Kemm fir-rigward tat-twissija tat-23 ta'Lulju, 2012, u anke fir-rigward tat-temm tal-impjieg, id-decizjonijiet ittiehdu minghajr ma l-Appellanti nghatat ic-cans taghti l-verzjoni taghha dwar dak li kienet qed tigi mixlija bih. Dan lil hinn ferm mill-principju '*audi alteram parte*'.

- **Decizjoni**

Bosta drabi kemm dan it-Tribunal u anke diversament presedut ghamel distinzjoni netta bejn li tingibed l-attenzjoni sabiex ix-xoghol isir b'aktar galbu u twissijiet formali bhala mizura ta' dixxiplina, kemm verbalment jew bil-miktub fir-rigward ta' nuqqasijiet mwettqa. L-iskop ta' twissijiet formali (possibilment, izda mhux necessarjament bil-miktub) huwa wiehed sabiex *Employer* juza biex jaghti cans lill-impjegat ibiddel ir-rotta u jekk jippersisti fin-nuqqasijiet tieghu jigi ndikat lilu l-konsegwenzi.

F'dan il-kaz ittrattat jidher li l-attenzjoni tal-Appellanti gieli ngibdet dwar xi nuqqasijiet li fil-fehma tat-Tribunal kienu jimmeritaw tbezbiza, pero' li zgur ma setghux jintuzaw bhala pretest ghal tkeccija.

It-Tribunal itenni b'enfasi li fl-ambitu tar-relazzjonijiet industrjali t-tkeccija mill-impieg hija meqjusa bhala l-piena kapitali u sabiex din titqies bhala gusta jrid ikun hemm ragunijiet tajba u sufficjenti. F'dan il-kaz kif ittrattat la gew esposti ragunijiet tajba u wisq anqas sufficjenti sabiex is-Socjeta' ntimata rrikorriet ghat-tkeccija mix-xoghol tal-Appellanti.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma kienetx wahda gusta.

F'din ic-cirkostanza, it-Tribunal qies iz-zmien li l-Appellanti ghamlet tahdem mas-Socjeta' ntimata, l-eta taghha, kif ukoll il-potenzjal taghha ghall-prospetti ta' xoghol u jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €2,500. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**